**Siekta?**

Għaliex inti siekta
Waqajt fl-akbar muta,
Għax ħadtha b'guffaġni
Il-kelma misluta?

Qajmitek fuq tiegħek
Int dan kif mhux tarah?
Għaliex qed titgeddem
Imtlejt tilja imrar?

Le, ħares 'il barra
Tibqax priġuniera,
Ta' ħsieb hekk qarrieqi
Għamlek priġuniera.

Ifhem li ingħadlek
Kien biss għall-ġid tiegħek,
Ixtarr int għal darba
Li l-grazza hi miegħek.

Ikber qed nitolbok
Tħallix sentimenti,
Ifesfsulek f'moħħok
Iħarbtulek 'l-menti.

Qis li int ħarriesa
Ta' nies bil-wisq dgħajfin,
Lejk qegħdin iħarsu
Laqqagħhom mal-Ħanin.

Missierhom tas-sema
Bil-quddiesa mqaddsa,
Kun l-eżempju tagħhom
U b'hekk tkun imdaqqsa.

Għalik jien qed nitlob
Lejl u nhar u f'kull ħin,
Ħalli int tissoda
Tikber w tgħin lill-miskin.

Iżżi ħajr lil Alla
Li kabbrek fin-nikta
Imbierka ċ-ċanfira
Ikber, tibqax siekta.

Patri Mario Attard OFM Cap

15 ta’ Novembru 2024

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.